MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 18/2006

**Maltacom plc**

**vs**

**Martin Joseph Xuereb**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u tlieta u tletin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm133.19) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21565388 (Acc. No. 10225949), liema servizz gie installat fil-falt bin-numru 6, Penelope, Triq il-Punici, Xlendi, Ghawdex skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument "A".

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali ipprezentata fit-2 ta’ Marzu 2006 (Ittra Ufficjali Nru. 149/06) (Dok B), tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut debitament notifikat la pprezenta risposta entro t-terminu lilu koncess mil-ligi u l-anqas deher ghas-seduti tat-Tribunal

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta attrici.

U billi t-talba attrici tinstab ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ LM133.19 ammont dovut in konnessjoni ma’ servizz tat-telefon numru 21565388 bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Marzu 2006 u bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------